MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 683/2009

**Montaldo Insurance Agency Limited (C-1052) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Elizabeth Pisani u ghal kull interess li jista jkollu Vincent Pisani, u l-istess Elizabeth Pisani (ID. 434868M) u ghal kull interess li jista jkollu Vincent Pisani (ID. 111662M)**

**Vs**

**Seabank Hotel and Catering Limited (C-40319) u Elmo Insurance Limited (C-3500)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mill-atturi fl-1 ta' Settembru, 2009** u li permezz taghha talbu lit-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenuti ihallsuhom is-somma ta' hames mija u erba' euro u tlieta u tmenin centezmi ta' euro (€504.83) wara li ppremetta hekk:

“L-atturi qeghdin jitolbu li dana t-Tribunal jiddikjara l-konvenuti responsabbli li jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta’ hames mija u erbgha ewro u tlieta u tmenin centezmi (€504.83) – liema ammont jikkonsisti f’sebgha u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmi (€27.49) bhala prezz tas-survey, f’wiehed u erbghin ewro u tlieta u disghin centezmi (€41.93) bhala loss of use, f’tlett mija u sebgha u sebghin ewro u tmintax-il centezmi (€377.18) bhala spejjez ghat-tiswijiet li saru fuq il-vettura ta’ l-attrici Elizabeth Pisani liema vettura ghandha n-numru ta’ registrazzjoni IBJ-159 u f’tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€58.23) bhala l-excess imhallas mill-assigurata Elizabeth Pisani – rapprezentanti l-ammont ta’ danni kkagunati lill-vettura ta’ l-attrici Elizabeth Pisani meta fis-17 ta’ Novembru 2007, gewwa Triq il-Marfa, Ghadira, Mellieha, mejda taret mill-proprjeta tal-lukanda konvenuta u assigurata mis-socjeta attrici konvenuta u laqtet lill-vettura pparkjata bin-numru ta’ registrazzjoni IBJ-159 liema vettura hija proprjeta ta’ Elizabeth Pisani u li f’dik il-gurnata kienet qed tintuza min Vincent Pisani u hija assigurata mis-socjeta assiguratrici attrici. Illi dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza u nuqqas ta’ prekawzzjonijiet adegwati min-naha tal-lukanda konvenuta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 23 ta’ Settembru 2008, l-ittri ufficjali datati 10 ta’ Gunju 2009 u 17 ta’ Lulju 2009 u dawk ta’ l-ittra ufficjali ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta pprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz tat-talba u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-incident sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tas-socjeta konvenuta Seabank Hotel & Catering Limited imressqa minnha fis-6 ta’ Ottubru, 2009** u li permezz taghha ecceppiet hekk:

1. Il-hsarat allegatament sofferti mis-socjeta attrici graw bhala konsegwenza ta’ force majeure u ghalhekk is-

socjeta konvenuta Seabank Hotel and Catering Limited u ghalhekk l-istess socjeta mhix responsabbli ghall-hsarat in kwistjoni.

2. Ghaldaqstant it-talbiet kollha tas-socjeta attrici ghandhom jigu respinti.

3. Ghalhekk, fejn jirrigwarda s-socjeta eccipjenti, ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta attrici. Bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz, il-quantum tad-danni allegatament subiti mis-socjeta attrici huwa kontestat u ghaldaqstant ghadu jigi pruvat skond il-ligi.

4. Inoltre, m'hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta eccipjenti ghall-hlas tad-danni favur is-socjeta attrici.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

6. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici.

Illi **s-socjeta konvenuta l-ohra Elmo Insurance Limited ressqet is-segwenti risposta fis-7 ta' Ottubru, 2009**:

1. Preliminarjament, is-socjeta konvenuta Elmo Insurance Limited mhix legittimu kontradittur tas-socjeta rikorrenti. Ghaldaqstant, is-socjeta konvenuta Elmo Insurance Limited ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, is-socjeta attrici trid iggib prova ta' htija ghall-incident de quo, liema prova tinkombi lilha biss skond il-ligi.

3. Bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz il-quantum tad-danni allegatament subiti mis-socjeta attrici huwa kontestat u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat skond il-ligi.

4. Inoltre, m'hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta eccipjenti ghall-hlas tad-danni favur is-socjeta attrici.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

6. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici.

Ra l-verbali tas-26 ta' Frar, 2010, tal-25 ta' Mejju, 2010 u tal-15 ta' Lulju, 2010 **fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in parte dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta Elmo Insurance Limited** li tghid:

"*Preliminarjament, is-socjeta konvenuta Elmo Insurance Limited mhix legittimu kontradittur tas-socjeta rikorrenti. Ghaldaqstant, is-socjeta konvenuta Elmo Insurance Limited ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju"*

Ra s-sentenza in parte moghtija fil-15 ta' Ottubru, 2010 u li permezz taghha, t-Tribunal laqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta Elmo Insurance Limited u konsegwentement illeberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez taghha ghall-atturi.

Ra l-atti, x-xhieda moghtija u t-trattazzjoni;

Ikkunsidra;

Illi mix-xhieda mressqa jirrizulta s-segwenti:

1. **David Debono,** xehed fit-12 ta' Jannar, 2011. Huwa esebixxa prospett tad-danni u spejjez kollha li s-socjeta minnu rapprezentata hallset lill-assikurat taghha u cioe lill-Vincent Pisani ghall-hsarat li sehhew fuq il-vettura tieghu bil-pjanca ta' registrazzjoni IBJ-159. Gie esebit mix-xhud ukoll is-*survey report* relattiv.

2. **Joseph Muscat**, *motor vehicles surveyor* mal-Automibiles Survey Bureau filwaqt li kkonferma s-*survey report* li sar minnu u li jinsab esebit a fol. 41 tal-process qal li dan is-*survey* sar ghar-rigward tal-vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni IDJ-159 (recte: IBJ-159). Ir-ritratti esebiti ittiehdu minn dan ix-xhud fil-21 ta' Novembru, 2007.

3. Xehed **PC 382 Josef Cardona**, li qal illi huwa kien stazzjonat fl-Ghassa tal-Mellieha meta fis-17 ta' Novembru, 2007 ghal habta tat-8.00p.m. kien mar jaghmel rapport gewwa l-Ghassa certu Vincent Pisani fejn irrapporta li kien sehh incident fi Triq il-Marfa, Mellieha. Skond ma xehed dan il-kuntistabbli, l-karozza ta' Pisani kienet ipparkjata magenb is-Seabank Hotel u x'hin irritorna lura ghal habta tat-tmienja neqsin kwart sab li kien hemm xi hsarat fuq il-*windscreen* tieghu fis-sens li dan kien imkisser. Ix-xhud qal ukoll li Pisani ha mieghu mejda tal-plastic biex jurih li l-hsara sehhet minhabba din il-mejda. Mistoqsi kif kien it-temp dak-in-nhar, ix-xhud qal illi "*kien hemm hafna maltemp u hafna rih*" (fol. 53).

4. **Hubert Debono**, *Operations Manager* mal-lukanda Seabank qal illi dak inhar li sehh l-incident huwa kien qieghed xoghol u kienu sejhulu fir-reception. X'hin wasal fejn ir-reception huwa sab lil Vincent Pisani u "*qalli li kien sab il-windscreen tal-karozza tieghu mifqugha* " (fol. 54). Xehed ukoll li ra l-mejda li dan Pisani kien qallu li kienet ghamlet il-hsara lil karozza tieghu. Din kienet fil-*boot* tal-karozza tieghu. Qal ukoll li l-karozza ta' Pisani kienet ipparkjata magemb il-Hotel u precizament fejn il-Pizzeria. Qal illi l-imwejjed li jinsabu fil-Pizzeria huma ta' l-injam u hadid, filwaqt li l-mejda li kellu Pisani fil-*boot* tal-karozza kienet tal-*plastic*. In kontro-ezami, x-xhud ighid li "*... l-imwejjed tal-plastic taghna ikunu fil-gallariji tal-kmamar ta' fuq tal-lukanda*" (fol. 55). Izid ighid li "*Dawn il-gallariji huma kollha sea facing u anke facing the road u ma hemm l-ebda lqugh u huma kollha esposti ghan-natura u ghall-elementi*" (fol. 55). Mistoqsi kif kien it-temp dak in nhar li sehh l-incident, dan ix-xhud ighid li kien hafna rih u hafna xita. Mistoqsi jekk kienux hadu prekawzzjonijiet minhabba din il-problema tar-rih, "*... jiena nghid illi qatt ma kien hemm problemi qabel u qatt ma taru mwejjed precedentement ghal dan l-incident u lanqas wara. Din kienet l-unika okkazzjoni li gara hekk*" (fol. 55).

5. Fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2011 xehdet **Elizabeth Pisani**, sid il-vettura IBJ-159. Hija tghid li hi u zewgha kienu marru jieklu gewwa l-lukanda Seabank fis-17 ta' Novembru, 2007. Hija pparkeggjat il-vettura taghha ezatt

taht il-faccata tal-lukanda. Tiftakar li dak-in-nhar kien hemm il-maltemp u meta hargu mill-lukanda hi u zewgha sabu l-*windscreen* tal-karozza imkisser u xi dentjaturi fis-saqaf ta’ l-istess karozza. Il-mejda tal-*plastic* kienet tinsab hdejn il-vettura taghhom. Hija tghid li qabdu l-mejda dahluha fil-karozza u marru jaghmlu rapport l-ghassa tal-pulizija. Sussegwentement, huma thallsu minghand d-ditta assiguratrici taghhom Montaldo Insurance ghad-danni li soffrew.

6. Xehed ukoll **Vincent Pisani**. Huwa qal illi fis-17 ta’ Novembru, 2007 meta ssehh l-incident, kien hemm hafna maltemp u hafna rih. Qal illi dak-in-nhar, huwa u martu marru jieklu l-lukanda Seabank u ipparkjaw quddiemha. X’hin “*hrigna mir-restaurant sibna l-karozza taghna bil-windscreen mifqugh ...*” (fol. 57). Huwa qal illi “*... malli konna se nidhlu fil-karozza stajt nara mit-tieqa mejda tal-plastic kulur ahdar ezatt mal-karozza. Jiena stajt nara illi din il-mejda kienet parigg ezattament bhal dawk l-imwejjed li kienu jinsabu fuq il-gallariji tal-kmamar tal-lukanda.*” (fol. 57). Ix-xhud ighid illi gabar din il-mejda, hadha mieghu fil-karozza u mar l-Ghassa tal-Pulizija biex jaghmel rapport. Wara li ghamlu r-rapport, marru lura l-lukanda u kellmu lid-*duty manager*. Huwa assigurahom li ma kienx ser ikun hemm problemi ghax kulhadd kellhu l-*insurance* tieghu. Qal ukoll li huwa thallas tal-hsarat mill-insurance tieghu u dan peress li huwa kien inxurjat *fully comprehensive*.

7. Fit-13 ta’ Jannar, 2012 xehed **Mario Abdilla**, rapprezentant tal-ufficju meteorologiku. Huwa gie mitlub jaghti informazzjoni dwar il-forza tar-rih li kien hemm fi Triq il-Marfa, l-Ghadira. Ix-xhud qal illi “*jiena stajt biss ingib mieghi d-dettalji dwar ir-rih gew registrati gewwa Hal-Luqa u cioe hdejn il-MET Office*” (fol. 74). Qal illi l-forza tar-rih kienet 37knots “*westernly u strong*” li tfisser “*gale force eight. Dan jigi kklasifikat bhala riefnu*” (fol. 74). Zied ighid li avolja dawn ir-readings ittiehdu gewwa Hal-Luqa, fil-post fejn sehh l-incident hemm il-ftuh u l-bahar u “*... ghalhekk wiehed ghandu jikkalkula l-forza tar-rih tkun kwazi izjed minn gale force eight. Ghandi nghid ukoll illi peress illi kien hemm thunderstorms dakinhar u anke waqt*

*il-hin tal-incident dan ifisser illi possibilment il-forza tar-rih tizdied izjed u izjed. Ghandi nghid illi ftit qabel il-hin tal-incident gie anke rregistrat gale force nine*” (fol. 75).

Ikkunsidra ulterjorment;

8. L-atturi qeghdin jitolbu l-hlas minghand is-socjeta konvenuta tas-somma ta’ €504.83 u dan sabiex jaghmlu tajjeb ghal hsarat li garbet il-vettura taghhom bil-pjanca ta’ registrazzjoni numru IBJ-159 meta din kienet ipparkjata quddiem il-Hotel Seabank gewwa l-Ghadira nhar is-17 ta’ Novembru, 2007. Dak in-nhar kien hemm maltemp kbir u r-rih tant kien qawwi li gie kklasifikat bhala riefnu mill-ufficju metejorologiku. L-incident sehh meta taret mejda minn gallarija tal-Hotel Seabank u giet fuq il-vettura proprjeta ta’ l-atturi konjugi Pisani. Huma thallsu mill-*insurance* taghhom stante li kienu koperti b’polza tat-tip *fully comprehensive*. Is-socjeta assiguratrici taghhom istitwiet din l-azzjoni sabiex tkun tista tirkupra l-flejjes li hija harget minhabba dan l-incident.

9. Is-socjeta konvenuta da parti taghha tressaq id-difiza tal-*force majeure* u ghalhekk cahdet li hija responsabbli ghal hsarat li garbet il-vettura tal-konjugi Pisani fis-17 ta’ Novembru, 2007.

10. Huwa pacifikament ritenut illi l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur[1].

11. Issa f’dan il-kaz, is-socjeta konvenuta rnexxielha tressaq xhieda li dak-in-nhar li sehh l-incident, tant kien hemm rih, li dan lahaq forza ta’ riefnu. Dan ikkonfermah Mario Abdilla, rapprezentant ta’ l-ufficju metejorologiku. Oltre dan, l-istess atturi konjugi Pisani u PC 382 Josef Cardona kkonfermaw li kien il-maltemp u r-rih kien qawwi.

12. Il-mistoqsija li jrid jwiegeb ghaliha t-Tribunal hija s-segwenti: Bil-fatt li jirrizulta ppruvat, anzi mhux ikkontestat, li dak-in-nhar li sehh l-incident kien il-maltemp

[1] Kollez. Vol. **XXXI P I p 467**;

u r-rih tant kien qawwi li lahaq forza ta' riefnu, s-socjeta konvenuta tista tuzufruwixxi mid-difiza li jaghtiha l-artikolu 1029 tal-Kap 16 li jistipula li:

*"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara."*

13. Tajjeb li wiehed jibda billi jaghmel distinzjoni bejn il-kaz fortuwitu u l-forza magguri.

## FORZA MAGGURI

14. Il-forza magguri hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti[2].

15. Biex tirnexxi d-difiza tal-forza magguri jrid ikun hemm mhux biss l-imprevedibilita` izda n-nuqqas ta' kontributorjeta` tad-danni eventwali[3].

16. Gie ghalhekk ritenut li l-forza maggura tiggustifika ksur ta' kuntratt, meta l-impossibilita` ta' l-ezekuzzjoni tkun oggettiva u indipendenti mill-volonta' ta' l-kontraent[4].

## KAZ FORTUWITU

[2] Ara **Anthony Pirotta vs Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008;

[3] Ara **Micallef vs Belle Mc Cance** deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 1953 [XXXVII-I-636], u **Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 2001;

[4] Ara **Middle Sea lnsurance Company Limited vs Sullivan Maritime Limited *et***, deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju, 2004; ara ukoll s-sentenzi riportati fil-Volumi **XXXI.I.554**, **XXXI.III.168** u **XXXVII.I.183**;

17. Il-kaz fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza[5]. In oltre, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event imprevedibbli u inevitabbli.

18. It-test ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` o meno ta' l-event huwa dak tad-diligenza tal-'*bonus pater familias*' fejn in-nuqqas taghha jirrizulta f'*colpa*[6].

19. Jekk jirrizulta mill-fatti li kien hemm konkorrenza ta' agir pozittiv jew negattiv tal-persuna allura l-event ma jibqax jinghad li kien kaz fortuwitu[7]".

20. Skond il-principju tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*.

21. Inghad ukoll li l-kaz fortuwitu, l-forza magguri u l-istat tan-necessita' ma jehilsux mir-responsabilita` tad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni[8] u allura l-kuncett tal-forza magguri "*viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo*[9]". Ghalhekk, il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribuwixxa l-fatt posittiv jew negattiv tal-bniedem.

22. Issa fil-kaz in ezami rrizulta li kien hemm maltempata qawwija u rih tant qawwi li zviluppa f'riefnu, u li minhabba f'hekk taret mejda mill-gallarija tas-Seabank

---

[5] Ara ukoll **Delia v. Segretarju Permanent et**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju, 2004 u **Borg Falzon v. Darmanin**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-7 ta' Gunju, 1940;

[6] Ara **Kurunell Hugh v. Negte Busuttil** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-16 ta' Novembru, 1942;

[7] Ara **Falzon vs Formosa** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Dicembru, 1991;

[8] Ara Kollez. Vol. **XXX P III p 142**;

[9] Ara Kollez. Vol **XVIII P II p 164** u Vol. **XXIV P I p 172**

Hotel fuq il-vettura tal-konjugi Pisani bil-konsegwenza li sehhet il-hsara lamentata.

23. Diga rajna li ma huwiex bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, possibbilment anke sproporzjonat, anke jekk prodott mill-forza tan-natura, izda dan irid ikun inevitabbli. Ghalhekk jekk b’diligenza ordinarja dan seta’ jigi evitat, ma japplikax il-kaz fortuwitu. Wara kollox huwa prevedibbli li matul ix-xitwa – il-kaz sehh fis-17 ta’ Novembru, 2007 – ikun hemm xi maltempata b’rih qawwi. Huwa necessarju li ma jkunx hemm kontributorjeta` li twassal ghad-danni eventwali.

24. Issa fil-fehma tat-Tribunal, il-maltempata li nqalghet, certament li kienet prevedibbli u li kieku l-mejda ma kienitx fil-gallarija, jew inkella din il-mejda kienet marbuta b’tali mod li ma ttirx jekk jkun hemm ir-rih, allura dak li sehh seta jigi evitat, u ghalhekk mhumiex applikabbli l-principji tal-kaz fortuwitu. Ghalhekk is-socjeta intimata ghandha twiegeb ghad-danni.

25. Is-socjeta rikorrenti talbet li s-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ hames mija u erba’ euros u tlieta u tmenin centezmi ta’ euro (€504.83), liema ammont jinqasam hekk:

i. €27.49[10] prezz ta’ *survey report*;
ii. €41.93[11] bhala *loss of use*;
iii. €377.18[12] bhala spejjez ghat-tiswijiet li saru fuq il-vettura ta’ l-attrici Elizabeth Pisani, liema vettura ghandha n-numru ta’ registrazzjoni IBJ-159;
iv. €58.23 bhala *excess* imhallas mill-attrici Elizabeth Pisani.

26. Illi dawn l-ammonti ma gewx ikkontestati mis-socjeta konvenuta ghalkemm fit-tielet eccezzjoni taghha, hi tghid li “*...il-quantum tad-danni allegatament subiti mis-socjeta*

[10] Ricevuta a fol. 60 fl-ammont ta’ Lm11.80 pari ghal €27.49c

[11] Ricevuta a fol. 39 fl-ammont ta’ Lm18 pari ghal €41.93c

[12] Ricevuta a fol. 36 ta’ Lm100.30 pari ghall €233.64 u ricevuta a fol. 38 ta’ €143.54 li b’kollox jigi l-ammont komplessiv ta’ €377.18

*attrici huwa kontestat u ghaldaqstant ghadu jigi pruvat skond il-ligi*". Fil-fehma tat-Tribunal, l-atturi rnexxielhom jippruvaw il-quantum tad-danni rizultanti mill-incident li sehh fis-17 ta' Novembru, 2007.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta Seabank Hotel & Catering Limited inkwantu dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qed jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u erba' euro u tlieta u tmenin centezmi ta' euro (€504.83) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data meta s-socjeta attrici Montaldo Insurance Agency Limited hallset lill-assigurati taghha din is-somma.

L-ispejjez ghandhom ikunu a kariku tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------